**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi B.A. LL.D**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mark Chetcuti**

**Illum, 22 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li il-Pulizija ressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali lil Mark Chetcuti, iben Victor Chetcuti u Rose Chetcuti nee' Carbonaro, imwieled il-Pieta' fl-14 ta' April 1974, li jirrisjedi 49, Sandlake, Triq Victor Denaro, l-Imsida u detentur ta' karta tal-identita Maltija bin-numru 259774M fejn ġie akkużat:

*"talli b 'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew*

*magħmula b'riżoluzzjoni waħda (artiklu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan:*

1. *Talli bejn Jannar 2021 u Mejju 2021 minn ġewwa l-skola Malta School of Drama and Dance, Triq Mountbatten, Hamrun u/jew bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin ikkommettiet att ta' frodi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b 'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew Biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' l-skola bl-isem Malta School of Drama and Dance u/jew kumpaniji jew persuni oħra u dan bi ksur tal-artiklu 308, 309 u 310 (l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamilt falsifikazzjoni fi skrittura privata b 'firem foloz jew b'tibdil f''atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħalt isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa u dan għad-dannu ta' l-skola bl-isem Malta School of Drama u Dance u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-artiklu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *U aktar talli fl-stess żmien, lok u ċirkostanzi intenzzjonalment ikkommettejt kwalunkwe atti frodanti, serq jew appropjat ruħek minn strumenti korporali ta' pagament mhux bi flus kontanti għad-dannu ta' l-skola bl-isem Malta School of Drama u Dance u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-artiklu 310F (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.;"*

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika l-Artikoli 382A, 383, 384, 412C u 412D tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat li waqt is-seduta tal-lum l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament.

Rat li waqt l-istess seduta tal-lum, l-imputat minn jeddu għażel li jammetti għal akkużi u wara li l-Qorti ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu, spjegatlu ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u li l-Qorti ssospendiet il-proċeduri sabiex tagħti żmien lill-akkużat jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu bil-għan li jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu, meta reġgħet issejħet il-kawża l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess akkużat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ħadet tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħati fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.

**Konklużjoni**

Fuq ammissjoni tal-imputat, Mark Chetcuti, wara li rat l-artikoli 17, 308, 309, 310(1)(a), 187 u 310F(a)(b)(c)(d)(e)(f)(h)(i)(j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat Mark Chetcuti, detentur ta' karta tal-identita Maltija bin-numru 259774M ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u filwaqt li tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm lok li l-Qorti tinżel taħt il-minimu tal-piena applikabbli u tikkundannah għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' erba u għoxrin (24) xahar iżda, bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza m' għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bis-saħħa ta` l-Artikoli 15A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex iħallas bħala kumpens l-ammont ta' erba u għoxrin elf ewro (€24,000).

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi skont l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A u 28H tal-istess Kapitolu 9.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed toħroġ ukoll Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum kontra l-ħati skont id-digriet li ngħata kontestwalment ma din is-sentenza u li għandu jifforma parti integrali minnha u li qiegħed jiġi anness magħha, fil-

konfront tal-ħati sabiex isegwi dawk id-direzzjonijiet u/jew programm/i addattat ieħor skont id-direzzjoni tal-Probation Officer li ser jiġi maħtur ai termini tal-artikolu ċitat.

Inoltre il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-akkużat għal fini ta' protezzjoni tad-diriġenti u impjegati tal-Malta School of Drama and Dance, skont ma jirriżulta mid-digriet mogħti kontestwalment ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ai termini ta` l-Artikolu 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana stante li ma jirriżultax li ġew maħtura esperti jew periti fil-proċeduri odjerni.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-digrieti mogħti kontestwalment lid-Direttur tal-Probation and Parole, sabiex jiġi assenjat uffiċjal tal-probation skont il-Liġi, kif ukoll notifika lid-diriġenti tal- Malta School of Drama and Dance flimkien ma Komunika lill Kummissarju tal-Pulizija.

**Maġistrat**

**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------